IL-KOBOR TA' SAN GUZEPP MINN DAK LI QALU L-QADDISIN.



Is-Santi Padri u d-Dutturi tal-Knisja kollha jaqblu li San Guzepp gie maghzul minn Alla nnifsu biex ikun ir-ragel ta' Marija.

Ħafna qaddisin kellhom imhabba filjali lejn San Guzepp u tghallmu minnu biex ihobbu aktar lil Gesu u lil Marija. Flimkien maghhom, irridu wkoll nonorawh u nhobbuh. Ghazilt xi ghajdut li jikxfu x' jaħsbu l-qaddisin dwar San Guzepp.

**San Tumas D'Aquino** jikteb li veru li qaddisin ohra jgawdu qawwa kbira fis-sema, imma jistaqsu

bhall-qaddejja, ma jaghtux ordnijiet bhall-kaptani. San Guzepp, li ghall-awtorita tieghu Gesu' assoggetta ruhu fuq l-art, jikseb dak li jrid minghand Ibnu, is-sultan tas-sema.

Ikompli mieghu **Santu Wistin** meta jghid li x'inhu dak li jichad Gesu' lil San Guzepp, il-missier putattiv li qatt ma cahdu minn xejn waqt li kien haj hawn fid-dinja?

Imbaghad ghandna lill-kbira devota ta' San Guzepp, **Santa Tereza ta' Avila** li theggeg devozzjoni lejn dan il-qaddis meta tassigurana li San Guzepp kien il-qaddis li helisha minn diversi inkwiet u tribulazzjonijiet u xerred barkiet kbar fuqha. Tinkoragixxi li wiehed jersaq bl-umilta' lejn dan il-qaddis biex bl-intercessjoni tieghu naqilghu l-benedizzjonijiet tas-sema kemm ghall-hajja tar-ruh kif ukoll ghal hajja materjali.

San Guzepp ghandu l-unur li jigi imsejjah il-missier (putattiv) ta' l-Iben ta' Alla. Ebda qaddis jew anglu ma ghandu dak l-unur. Hekk jistqarr **San Basilju**.